MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta tat-30 ta' April, 2007

Avviz Numru. 64/2007

**Andre' Scerri**

**Vs**

**Simon Borg**

**I**l-Qorti,

Wara li rat it-talba tal-attur ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' tlett elef, seba' mija u ghoxrin lira Maltin (Lm3,720) ekwivalenti ghas-somma dovuta, certa u likwida permezz ta' numru ta' kambjali (Dok.K) innumerate minn wiehed u hamsin (51) sa mija, hamsa u sebghin (175) liema kambjali skadew fil-11 ta' Settembru, 2006, flimkien mal-imghax legali dovuta skond il-ligi.

Bl-imghax legali ulterjuri mid-data tal-prezentata ta' l-Avviz ghas-smigh, u bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali prezentata fl-1 ta' Far, 2007, kontra l-konvenut.

Wara li rat in-Nota tal-mistoqsijiet tal-attur sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fit-23 ta' April, 2007 meta gewipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tal-attur bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------